MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 319/2014

**360 Food Import Ltd**
**C 46590**

**Vs**

**Mark Buttigieg**
**ID 124085M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb;

Illi l-konvenut j'opera hanut that l-isem ta' *Bien Venue Confectionary* u ordna minghand is-socjeta' esponenti numru ta' merkanzija.

Illi s-socjeta attrici kkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita jew il-kwantita tal-merkanzija ikkonsenjata u qatt ma oggezzjona ghall-invoices mahruga u dan hekk kif ser jigi ppruvata ahjar waqt it-trattazzjnoni;

Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-socjeta' esponenti fl-ammont ta' mija u hamsa u erbghin ewro u erbatax-il centezmu (€145.14) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata w accettata mill-konvenut.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu:

1. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u hamsa u erbghin ewro u erbatax-il centezmu (€145.14) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez lollha u bl-imghaxijiet mit-30 ta' Settembru, 2013 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fil-15 ta' Ottubru, 2014 fejn eccepixxa :

1. Illi ebda ammont ma' huwa dovut skond kif premess fit-talba attrici;

2. Illi t-talba attrici ghandha tigi michudha stante li ma tissustiex fil-konfront tal-intimat bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici resqet provi permezz ta' xhieda orali kif ukoll dokumentazzjoni illi kkonsenjat birra ghand il-konvenut fl-ammont ta' mija u hamsa u erbghin ewro u erbatax-il centezmu (€145.14).

Il-konvenut min-naha tieghu jghid illi l-birra ma waslietx ghandu u l-firma li hemm fuq dokument sbatax (17) tal-process mhiex tieghu. Jghid ukoll illi l-firma li hemm a fol disgha u ghoxrin (29) tal-process hija tieghu.

It-Tribunal f'dan il-kaz irid jistrieh fuq il-verzjonijiet opposti tal-partijietn fejn is-socjeta' attrici qed tghid illi waslet il-birra ghand il-konvenut u ghandha l-inizjali tieghu. Filwaqt illi l-konvenut jghid illi dik il-firma mhux tieghu u l-birra qatt ma waslet.

It-Tribunal wara li ra z-zewg firem huwa tal-opinjoni illi l-firem huma vicin wisq ta' xulxin u ghalhekk jidher illi saru mill-istess persuna.

F'din ic-cirkostanza t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta' attrici rnexxilha tipprova l-kaz taghha billi kkonvinciet lit-Tribunal li l-konsenja tal-birra waslet u taghha ma thallsitx.

Ghal dawn ir-ragunijiet u motivi t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u hamsa u erbghin ewro u erbatax-il centezmu (€145.14) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------